MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 142/2004

Sting Enterprises Limited socjeta` estera debitament rapprezentata mill-Avukat Dottor Joseph Caruana Scicluna bhala mandatarju specjali u b'nota tal-lum ING Bank N.V. assumiet l-atti minflok is-socjeta` attrici
vs
Enercom Limited u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2007 Theo Ruyter bhala mandatarju specjali ta' ING Bank N.V. socjeta` pubblika estera intervjena fil-kawza ***in statu et terminis***

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi fid-9 ta' Lulju, 2002, is-socjeta` konvenuta kienet iffirmat kuntratt (kopja tieghu annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok A), li a tenur tieghu s-socjeta` konvenuta kienet obbligat ruhha li tissupplixxi favur is-socjeta` attrici *Hot Rolled Steel Coils* sal-31 ta' Awissu 2002, versu l-

prezz komplessiv ta’ zewg miljuni hames mija u erbgha u sebghin elf *euro* (EURO 2,574,000).

Illi skond il-kuntratt imsemmi fis-suepost, is-socjeta` attrici kienet obbligat ruhha li thallas tmenin fil-mija (80%) tal-prezz globali surreferit bhala *advance payment*, ammontanti ghal zewg miljuni disgha u hamsin elf u mitejn *euro* (EURO 2,059,200).

Illi fit-31 ta’ Lulju 2002, is-socjeta` attrici kienet iddepozitat f’kont mal-HSBC Bank Malta p.l.c. favur is-socjeta` konvenuta s-somma ta’ zewg miljuni disgha u hamsin elf u mitejn *euro* (EURO 2,059,200), u dana kif kien irrizulta *inter alia* mit-*transfer instructions* maghmula mis-socjeta` attrici u minn messagg mibghut mill-*correspondent bank* ta’ HSBC Bank Malta p.l.c., ING Bank (kopja taghhom annessa mac-citazzjoni u mmarkati Dok B. u Dok B1 rispettivament).

Illi s-socjeta` konvenuta kienet naqset li tissupplixxi favur is-socjeta` attrici *Hot Rolled Steel Coils* sal-31 ta’ Awissu 2002, kif kienet obbligata li taghmel a tenur tal-kuntratt premess.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali assunti minnha bis-sahha tal-kuntratt tad-9 ta’ Lulju, 2002 mas-socjeta` attrici.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta’ zewg miljuni disgha u hamsin elf u mitejn *euro* (EURO 2,059,200).

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta’ zewg miljuni disgha u hamsin elf u mitejn *euro* (EURO 2,059,200).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali, it-tnejn tal-11 ta’ Frar 2002, u bl-imghax legali mill-31 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta` konvenuta, li

r-rapprezentant jew rapprezentanti legali taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Dr. Joseph Caruana Scicluna bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Sting Enterprises Limited, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat Joseph Caruana Scicluna li fiha ssemma li permezz ta' prokura specjali tat-13 ta' Jannar, 2004 hu kien gie nominat mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sting Enterprises Limited. Is-socjeta` Sting Enterprises Limited kienet giet inkorporata fit-8 ta' Gunju, 1998 gewwa l-***Isle of Man***. Fid-9 ta' Lulju, 2002 is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta kienu ffirmaw kuntratt li a tenur tieghu s-socjeta` konvenuta kienet obbligat ruhha li tissupplixxi favur is-socjeta` attrici ***Hot Rolled Steel Coils*** sal-31 ta' Awissu 2002, versu l-prezz komplessiv ta' EURO 2,574,000. Skond il-kutratt imsemmi s-socjeta` attrici kienet obbligat ruhha li thallas tmenin fil-mija (80%) tal-prezz globali bhala ***advance payment***. Dan kien jammonta ghal EURO 2,059,200. Fil-31 ta' Lulju 2002 is-socjeta` attrici kienet iddepozitat f'kont mal-HSBC Bank Malta p.l.c. favur is-socjeta` konvenuta s-somma ta' EURO 2,059,200. Sostna li dan kien jirrizulta ***inter alia*** mit-***transfer instructions*** maghmula mis-socjeta` attrici u minn messagg mibghut mill-***correspondent bank*** ta' HSBC Bank Malta p.l.c., ING Bank. Is-socjeta` konvenuta kienet naqset li tissupplixxi l-***Hot Rolled Steel Coils*** sal-31 ta' Awissu 2002 kif kienet obbligata li taghmel a tenur tal-kuntratt.

Gie prezentat affidavit ta' Angelo Bianchi u Francesco Hofer li fih issemma li huma individwalment ghandhom ir-rapprezentanza legali tas-socjeta` Sting Enterprises

Limited li ghandha l-ufficcju legali taghha f'***Isle of Man***. Qalu li l-kummerc tas-socjeta` msemmija huwa kummerc internazzjonali ta' materji primi fosthom azzar u prodotti derivati minnu. Fid-9 ta' Lulju 2002 Sting Enterprises Limited iffirmat kuntratt ma' Enercom Limited ghall-bejgh ta' ***Hot Rolled Steel Coils***. Enercom Limited kellha tissupplixxihom sal-31 ta' Awissu 2002, sa liema data Sting Enterprises Limited kellha tiddepozita f'kont tal-HSBC Bank Malta p.l.c. s-somma ta' EURO 2,059,200. Qalu li Enercom Limited ma zammitx il-parti taghha tal-ftehim.

Rat illi fit-12 ta' Jannar 2007 fuq rikors ta' Theo Ruyter bhala mandatarju specjali ta' ING Bank N.V. socjeta` pubblika estera, fejn talab li jintervjeni fil-kawza ***in statu et terminis***, il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-istess Theo Ruyter a fol 144 sa 160 tal-process riferibbilment ghas-sentenza moghtija fl-1 ta' Dicembru 2004 mill-Amsterdam District Court fl-ismijiet Sting Enterprises Limited vs ING Bank N.V. li permezz taghha s-socjeta` ING Bank N.V. giet ordnata thallas lil Sting Enterprises Limited is-somma ta' EUR2,059,200 flimkien mal-interessi legali mill-21 ta' Ottubru 2003 sad-data tal-hlas, kif ukoll kopja tad-***debit advice***.

Rat in-nota tat-12 ta' Awissu 2005 li fit-28 ta' Frar 2005 ING Bank N.V. intavolat appell quddiem il-Qorti ta' Amsterdam.

Xehed il-Marixxall Raymond Pace li ghamel referenza ghall-ittra ufficjali prezentata fid-19 ta' Ottubru 2006, indirizzata lil Enercom Ltd u lil Christine Anne Mercieca. Hu jien mar ghand Enercom Ltd., Triq il-Baltiku, San Giljan, u biex jinnotifika lil Christine Anne Mercieca. Hu kien mar darbtejn u fl-20 ta' Ottubru 2006 kien sab lil Vincent Mercieca, missier Christine, u qallu li ma kellhomx x'jaqsmu mal-kumpamija Enercom Ltd u ghalhekk irrifjuta l-ittra. Kien rega' mar fil-25 ta' Ottubru 2006 u peress li l-ittra kienet indirizzata lil Christine Anne Mercieca sab lil Tanya Mercieca u hadilha l-***I.D. Number*** u qaltlu li hi tigi

ommha u kienet qaltlu li hi ma kenitx awtorizzata taccetta karti.

Rat il-verbal tal-10 ta’ Jannar 2007 (fol 178) li minnu jirrizulta:
“Il-Qorti wara li rat ir-rikors tat-22 ta' Novembru 2006 fol 168;
Wara li semghet lill-ufficjal tal-Qorti l-Marixxall Raymond Pace li minnu rrizulta li sar attentat ta' notifika u rifjut fl-20 ta' Ottubru 2006;
Wara li rat id-dokumenti a fol 171 sa 176;
Wara li rat l-artikolu 187(1) tieni proviso u l-artikolu 401(2) tal-Kap 386;
Tiddikjara li n-notifika saret validament.”

Rat li fil-15 ta’ Dicembru 2006 Dr. Caruana Scicluna bhala mandatarju specjali tas-socjeta` attrici ddikjara li l-pagamenti relattivi a tenur tac-cessjoni tad-dritt litigjuz f’din il-kawza bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` internevuta fil-kawza (ING Bank N.V.) fil-fatt saru u li kwindi s-socjeta` attrici Sting Enterprises Limited definittivament assenjat id-dritt litigjuz taghha f’din il-kawza a favur tas-socjeta` ING Bank N.V. u li l-istess Sting Enterprises Limited mhux qed toggezzjona li ING Bank N.V. tassumi l-atti tal-kawza minflokha.

Rat l-***assignment agreement*** tal-10 ta’ Jannar 2007 bejn ING Bank N.V. u Sting Enterprises Limited a fol 180 sa 185.

Rat illi s-socjeta` konvenuta debitament notifikata skond il-ligi baqghet kontumaci.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher car li d-drittijiet kollha li kellha s-socjeta` attrici Sting Enterprises Limited illum ghaddew f’idejn is-socjeta` ING Bank N.V. u dan permess tal-***assignment agreement***. Illi mill-affidavit u dokumenti esebiti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet kreditrici ta’ Enercom Limited fis-somma ta’ EUR2,059,200. Illi s-socjeta` konvenuta b’ebda mod ma kkontestat it-talba ghalkemm debitament notifikata u t-talba attrici tidher wahda gustifikata.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali assunti minnha bis-sahha tal-kuntratt tad-9 ta' Lulju, 2002 mas-socjeta` attrici.

Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta' zewg miljuni disgha u hamsin elf u mitejn ***euro*** (EURO 2,059,200).

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta' zewg miljuni disgha u hamsin elf u mitejn ***euro*** (EURO 2,059,200).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-31 ta' Lulju 2002 sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------